MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 217/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Angelo Abela abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Angelo Abela**

**Vs**

**Cassar Mikiel**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm429.06 (erba` mija disgha u ghoxrin Lira Maltin u sitt centezmi) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh fit-30 ta' April 2003 gewwa r-Rabat.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta’ erba` mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u sitt centezmi (Lm429.06) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Angelo Abela assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ tliet mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u sitt centezmi (Lm354.06), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) l-istess Angelo Abela in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta’ April 2003 ghall-habta tas-1.15pm gewwa Girgenti Road, Rabat, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attur Angelo Abela, bin-numru ta’ registrazzjoni GAM 774 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni JBC 483, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lill-GasanMamo Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b’xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort ta’ Angelo Abela, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tal-llum stess fejn il-partijiet qablu li jispartixxu r-responsabbilita tal-kollizzjoni meritu ta’ din il-kawza.

Jiddeciedi billi jiddikjara lill-assigurat tas-socjeta` attrici u l-konvenut ugwalment responsabbli u jikkundanna lil

konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u erbghatax il-lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm214.53) bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament u bl-ispejjes bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------